MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 145/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**SONJA SCICLUNA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sonja Scicluna mart George bint Joseph Zammit u Antoinette nee Casha imwielda fit-13 t'April 1972 u residenti 'Cherry Court', Flat 7, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 10972 G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fit-23 ta' Frar 2004 ghall-habta tas-6:30 p.m. meta ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt, naqset li taghti lura fil-hin lil binha mighajr raguni xierqa. (Sec 338 LL Kap 9);

Semghet lill-kwerelant George Scicluna jixhed u jghid illi huwa ma kellux digriet legali fil-pusess tieghu li a bazi tieghu gew inizjati dawn il-proceduri;

Rat illi l-Prosekuzzjoni kienet sprovvista minn digriet legali;

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Licari** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-hamsa ta' Lulju, 1994 li pprovdiet illi;

*"Id-digriet li jigi esebit jrid ikun awtentikat skond l-artikolu 63 u 75 tal-Kap 12, taht il-firma tal-ufficjal pubbliku addett ghal dan l-iskop li jiccertifika li dak id-dokument hu vera kopja tal-original."*

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni trid tesebixxi d-digriet awtentikat skond il-ligi, haga li m'ghamlitx f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-akkuza taghha u konsegwentement tiddikjara li ma issibx lill-imputata SONJA SCICLUNA hatja ta' l-akkuza kif dedotta konta taghha u tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------